VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,846, 23 ta' Diċembru, 2011*
*Taqsima B*

**A.L. 493 tal-2011**

## ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP. 315)

### Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tipjip f' Postijiet Pubbliċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru għall-Politika Soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tipjip f'Postijiet Pubbliċi u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Tipjip f'Postijiet Pubbliċi hawn iżjed 'l quddiem imsejħa r-"Regolamenti Prinċipali".

**2.** Fir-Regolamenti Prinċipali għandu jiddaħħal is-segwenti bħala Regolament 5 u r-regolamenti 5 u 6 tar-Regolamenti Principali għandhom jiġu enumerati bħala Regolamenti 6 u 7 rispettivament:

"5. Ħadd ma għandu f'ebda waqt ipejjep xi prodott tat-tabakk f'xi paramentri ta' playgrounds jew ġonna pubblici li fih jkun hemm xi logħob għall-użu ta' tfal."